KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta**
**Disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12** **L- Erbgħa 26 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:04pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader)
Thomas De Martino – Kunsillier daħal fis- 6:13pm
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier daħlet fis- 6:57pm
Maria Pia Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Rachel Abela – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv rċieva notifika mingħand il- Kunsilliera Abela fejn informat illi ma tistax tattendi għal-laqgħa. Din l-ittra t' apoloġija kienet approvata nem. con.

## 12.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 11

### 12.2.1 Korrezzjonijiet Minuti Numru 11

11.4.9 Kunsillier Grech – Tenders

Il- Kunsillier Grech staqsa x' inhuma t- tenders li qiegħed jinħadmu biex jinħarġu. Is- Sindku u l- Kunsillier De Martino qalu li bħalissa ser joħorġu tal- patching illi huwa fi draft stage u għad irid ikun analizzat qabel ma jittella għas- sottomessjonijiet. Il- Kunsillier Grech ikkjarifika illi Il- Works orders illi jinħarġu mill- Kunsill għal- bankini ġodda, patching u manholes għanhom jimxu mal- prezzijiet stabbiliti bir- rati ta' qabel.

### 12.2.2 Aġġornamenti Minuti Numru 11

11.3.7 Skema SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026

Is- Sindku stqarr li din l-attività kienet ta' suċċess kbir u rringrazzja lill-Kunsilliera Bayliss għall-organizzazzjoni eċċellenti, u rringrazzjaha wkoll għall-ħidma li wasslet għall-attività li kienet mgawdija minn mijiet ta' persuni. Is- Sindku wera x- xewqa tiegħu illi din l-attivita terġa ssir fis-snin li ġejjin.

10.4.1 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillieri – Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku, is-Sindku u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sur Emil Vassallo, u mad-Direttur tal-Finanzi, is-Sinjura Clare Bugeja, fejn ġie diskuss id-dejn tal-Kunsill Lokali tal-Mosta. Ir-rappreżentanti tal-Kunsill ippreżentaw il-każ tagħhom favur injezzjoni diretta ta' fondi lill-Kunsill peress li nstab dejn konsiderevoli mill- amministrazzjoni preċedenti. Il-Viċi Sindku rringrazzja pubblikament lis-Sur Vassallo għall-mod kif laqa' l-laqgħa tagħna u għall-għajnuna tiegħu s'issa. Issa il- Kunsill jinstab jistenna laqgħa ulterjuri.

10.4.7 *Mosta Open Weekend*- Sindku

Il- Viċi Sindku qal illi il- preparazzjonijiet għal- *Mosta Open Weekend* sejrin tajjeb ħafna u s'issa diġa hemm iktar minn elf ruħ illi rriżervaw posthom u huwa mistenni illi jattendu persuni illi ma jkunux rriżervaw posthom bl- avvanz.

10.5.1 Measure 4.3 Update

Is- Sindku qara ittra illi rċieva l- Kunsll mingħand il- *Managing Authority* rigward il- proġett ta' San Pawl tal- Qlejja fejn informawna illi rridu nillestu l- proġett sa April 2025; u ovjament dan m' huwiex possibbli. Il- Kunsillier Grech semma illi kien hemm dewmien kbir fuq dan il- proġett minħabba illi kellhom isiru diversi BOQs sabiex jiġi in-line mal- baġit propost u għaldaqstant irriżulta f' diversi intoppi li wassal għal dan id- dewmien. Is- Sindku u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv ser iżommu l- Kunsillieri aġġornati bi kwalunkwe żvilupp li ser isir fuq dan il- proġett.

10.5.4 Triq il-Mitħna Update

Is- Sindku stqarr illi miexi x- xogħol fuq il- proġett ta' Triq il- Mitħna; kien hemm diversi laqgħat mal- Kuntratturi li ħadmu u ser ikomplu x- xogħolijiet peress illi kien hemm diversi problemi fl- istruttura tal- bini bħal- ħitan li ma sarux bir- radius korrett. Kien deċiż illi dan ix- xogħol jitkompla u jiġi kkoreġut mal- fażijiet tat- tlestija ta' dan il- proġett.

11.3.5 Ficus trees

Is- Sindku informa lill- Kunsillieri illi bl- approvazzjoni tal- ERA, Birdlife Malta, Moviment Graffiti, kif ukoll mal- ġarnindar tal- Kunsill ser ikun hemm żbir fuq is- siġar tal- ficus fil- Pjazza nhar l- Erbgħa 2 t' April. Dan iż- żbir huwa neċessarju sabiex is- siġar ikunu jistgħu jiffokaw l- enerġija tagħhom biex jsaħħu l- istruttura tagħhom. Il- Kunsill ser iżomm lil- pubbliku nfurmat qabel ma jsir dan iż- żbir permezz tal- media soċjali. Is- siġar tal- ficus li jinstabu fejn il- klabb tal- boċċi ukoll għandhom bżonn iż- żbir pero dan għad irid ikun deċiż meta ser isir.

11.3.4 Kunsillier Zerafa – Tabelli tal- Lokalita

Il- Kunsillier Zerafa semma illi r- Reġjun Tramuntana jixtieq jagħmel tabbelli bl- isem tal- lokalita li normalment ikollhom miktub "merħba" u "saħħa" illi t- tali tabbelli tal- lokalitajiet illi jaqgħu taħt ir- Reġjun Tramuntana jkunu bi stil simili ta' xulxin. Tipikament, dawn kienu jsiru bi ftehim mal- HSBC.

11.4.7 Kunsilliera Bayliss – Dog bins

Il-Kunsilliera Bayliss qalet li d- *dog* bins jeħtieġu modifika, peress li bħalissa mhumiex jaqdu l- funzjoni tagħhom b'mod effettiv. Hija ssuġġeriet li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet jew kontenituri ġodda li jkunu aktar adattati u prattiċi għall-użu.

**18:32: Sospensjoni tal- laqgħa għal- preżentazzjoni mingħand ir- Ramblers Association of Malta**

12.6.1 Preżentazzjoni- Restawr tal-Mitħna

Ir- *Ramblers Association of Malta* preżentaw il- pjan ta' restawr għal- Mitħna li jinkludi restawr tagħha, sabiex eventwalment tinfetaħ għal- Pubbliku. Il- Kunsilliera qablu, u għaldaqstant il Kunsill jixtieq jappoġġja lir- *Ramblers Association of Malta* sabiex naraw illi din il- Mitħna tiġi tranġata, it- tali għajnuna m'hijiex finanzjarja.

**18:58 Sospensjoni tal- laqgħa għal- punt 11.4.9 sabiex tiġi diskussa l- Bye-law**

11.4.9 Bye-Law

Il- Kunsillieri qraw il- Bye-law illi kien prepara s- sottokummitat tal- kommerċjalizazzjoni. Kien hemm Kunsillieri illi għaddew diversi suġġerimenti illi ser jiġu inklużi fil- verżjoni illi ser tintbagħat lil- Ministeru għall-approvazzjoni. Għaldaqstant, il- Kunsill ser jaħdem sabiex jimplimenta s- suġġerimenti tal- Kunsillieri, u ladarba dawn jiġu miktuba, l- Aġent Segretarju Eżekuttiv ser jiċċirkola dan id- dokument mal- Kunsillieri sabiex jiġ emendat u preżentat fil- laqgħa li jmiss sabiex għaldaqstant jintbagħat lid- DGL u l – Ministeru għall- approvazzjonijiet neċessarji.

8:45pm l- Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar illi baqa kwarta għal- tmiem il- laqgħa.

9:00pm Il- laqgħa ġiet estiża b'siegħa sal- 10pm b' approvazzjoni nem. con.

**12.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

12.3.1 SPI/SCI/03/2025 – Lokalitajiet aktar nodfa 2025

Il- Kunsillier Zerafa preżenta l- iskema b' kodiċi SPI/SCI/03/2025 li tinvolvi clean-up fil- lokalita b' €1,500 fondi massimi. Il- Kunsillieri preżenti qablu sabiex il- Kunsillier jipproċedi bl- applikazzjoni.

12.3.2 SPI/SCI/04/2025 – Milied 2025

Is- Sindku preżenta l- iskema b' kodiċi SPI/SCI/04/2025 li tinvolvi l-organiżazzjoni ta' attivitajiet tal- Milied fil- lokalita b' €15,000 fondi massimi, VAT inkluż; il- Kunsill huwa marbut illi joħroġ 15% ta' dan l- ammont. Il- Kunsillieri preżenti qablu sabiex il- Kunsillier inkarigat mill- iskemi jipproċedi bl- applikazzjoni

12.3.3 PA07182-24

Is- Sindku ppreżenta document numru PA07182-24 li rċieva il- Kunsill mingħand l- Awtorità tal- Ippjanar illi notifikat lill- Kunsill li l- applikazzjoni tal- Obelisk ġiet sospiża. Il- Perit Grech informa lill- Kunsill li ssospenda l- applikazzjoni sabiex jipprepara r- rapport dettaljat li hu rikjest mit- tali awtorità.

12.3.4 Slaleb fil-pjazza tal- Ġimgħa l- Kbira

Is- Sindku talab l- approvazzjoni tal- Kunsill sabiex jintremaw Slaleb fil-pjazza tal- Ġimgħa l- Kbira peress illi rċieva talba jekk il- Kunsill jixtieqx jinstallahom. Il- Kunsiller Grech stqarr illi darba oħra trid tinħareġ espressjoni t' interess għal- kwalunkwe tip t- armar u mhux noqgħodu fuq talba ta' għaqda jew soċjeta. l- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi ma hemmx flus sabiex jintremaw dawn is- Slaleb. Madankollu, il- Kunsill qabel nem. con. illi dawn jintremaw.

12.3.5 Kors presepistiku

Is- Sindku semma illi fil jiem li ġejjin ser ikun hemm kors presepistiku fejn il- Kunsill rċieva applikazzjonijiet ta' min hu interessat. Il- kors ser jiswa €180 għall- pubbliku, €150 għal- membri u ser ikun sussidjat għal- prezz ta' €155 għall- Mostin. Il- Kunsillieri qablu unanimament ma din il- proposta.

12.3.6 Garage tender

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenta t- "Tender lease of premises" lill- Kunsilleri u ser jiċċirkolaħ elettronikament lil- Kunsillieri kollha sabiex jgħatu l- kummenti tagħhom bil- għan illi jkun approvat/emendat fil- laqgħa tal- Kunsill illi jmiss.

**12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

12.4.1 Viċi Sindku – Ktejjeb għat- tfal

Il- Viċi Sindku ppropona ktieb għat- tfal bħala tifkira tal- Anniversarju tal- Inkoronazzjoni, it- tali ktieb ikun interattiv bil-QR codes. Bħalissa, l- istima hija ta' €4500, b'€500 riserva u huwa stmat illi dan il- ktieb joħroġ fl- aħħar ta' Mejju 2025 . l- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi ma hemmx flus m hemmx flus. Għaldaqstant, kien hemm qbil mill- Kunsillieri sabiex il- Viċi Sindku jipproċedi Nem. con.

12.4.2 Viċi Sindku – *Information Boards*

Il-Viċi Sindku ppropona issir tifkira fi Triq l-Inkurunazzjoni f'toroq marbuta mal-anniversarju li jinħoloq post kommemorattiv fi Triq l-Inkurunazzjoni u f' toroq marbuta mal-anniversarju, fejn tiġi ddisinjata kuruna bħala simbolu tal-Inkurunazzjoni, u li ssir attività f'din iż-żona biex jitfakkar l-anniversarju tal-istess Inkurunazzjoni. Il-Viċi Sindku stma li l-ispiża ta' dan il-proġett tkun madwar €5000. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lil kulħadd li bħalissa m'hemmx fondi disponibbli. Il-proposta kienet approvata mill-Kunsill b'mod unanimu (nem. con.).

12.4.3 Kunsillier Zerafa – 5 ta' April *Cleanup*

Il-Kunsillier Zerafa semma illi ser issir *cleanup* fil-5 t' April fi Vjal Ragusa, fejn il- Kunsill ser jipprovdi materjal bażiku sabiex isir dan it- tindif.

12.4.4 Kunsillier Mallia – Grupp Tislima

Il- Kunsillier Mallia stqarr illi jixtieq illi l- Kunsill jalloka €100 kull tlett xhur għal- Grupp Tislima peress illi bħalissa għandhom baġit limitat u jixtieq illi dan jiżdied bi ftit iktar. Il- Kunsilliera preżenti qablu nem. con.

12.4.5 Kunsilliera Bonnici

Il- Kunsilliera Bonnici semmiet illi hemm xi bankini jiżolqu. Is- Sindku qal illi dawn il- bankini ser jinħaslu u issa ser naraw kif jibqgħu; jekk jibqgħu jiżolqu, ser ikun hemm diskussjonijiet ulterjuri fuq kif tista tissolva din il- problema.

12.4.6 Minority Leader Decelis – Kotba għall- iskola

Il- Minority Leader ippropona sabiex waqt l-istedina li rċieva l- Kunsill għall- Prize Day fi School B, jinxtraw xi kotba sabiex ikunu ppreżentati għal- librerija tal- iskola. l- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi ma hemmx flus; madankollu, il- Kunsill approva budget ta' €200 biex ikun allokat għal- dawn il- Kotba.

**12.5 Rapporti**

12.5.1 Talba għal- Devoluzzjoni

Is- Sindku talab l- approvazzjoni tal- Kunsill sabiex napplikaw għal- devoluzzjoni ta' żewġ xelters li jinstabu fi Triq Ċejlu Tonna u fi Triq Ġużeppi Callus sabiex jkunu aċċessibbli għall-pubbliku u jinfetħu meta jkunu ser isiru xi attivitajiet. Il- membri preżenti approvaw nem. con.

12.5.2 Request for Update Measure 4.3

Hekk kif ingħata aġġornament waqt il- qari ta' Minuti numru 11 f' sezzjoni 12.1.2 iktar kmieni f' dan id- dokument.

12.5.3 Vakanza ta' Part Time Assistent Prinċipal (Skala 11)

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi minn meta kien hemm riżenja t' impjegata tal- Kunsill madwar sena ilhu, l- ufficċju ħass dan in- nuqqas fir- rigward tal- iskemi antiki illi għad hemm xi flus biex jinġabru. Għaldaqstant, l- Aġent Segretarju Eżekuttiv ippropona sabiex jfittex din l- għajnuna mingħand il- privat minflok jingaġġa impjegat peress illi dan ix- xogħol huwa iktar konsultattiv u ma jirrikjedix preżenza fl- uffiċju kontinwa. Kien hemm approvazzjoni ta' dan nem. con mill- membri preżenti.

**12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

12.6.3 Skeda tal-Pagamenti

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 159 kienet approvata nem. con.

12.6.4 Purchase Orders

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

12.6.5 Works Orders

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

12.6.6 Petty Cash

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata nem. con.

**12.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-9:55pm, u kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tkun il-Laqgħa Pubblika nhar it-Tlieta, 15 ta' April 2025. Intant, il-laqgħa uffiċjali li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 13, se ssir nhar it-Tlieta, 22 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |